



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7089/23

EDUC 83
ENV 200
CLIMA 109
SOC 159
JEUN 45
EMPL 114

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fis-7 ta' Marzu 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

IFAKKAR l-isfond politiku rigward il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet.

JISSOTTOLINJA l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Frar 2023¹ li jappellaw għal azzjoni aktar kuraġġuża, aktar ambizzjuża biex jiġu żviluppati aktar il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġika u diġitali permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ, u t-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet biex jiġu indirizzati l-isfidi tan-nuqqas ta' ħaddiema u tat-trasformazzjoni tal-impjiegi, inkluż fil-kuntest tal-isfidi demografiċi.

JILQA' l-inizjattiva proposta għal Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 u JENFASIZZA l-ħtieġa għal sforzi konġunti dwar it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet għal tranżizzjoni ekoloġika b'mod soċjalment ekwu, inklużiv u ġust, u li tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej u r-reżiljenza tas-soċjetà Ewropea.

JAGĦRAF LI:

1. L-isfidi globali ambjentali, klimatiċi u tal-bijodiversità jeħtieġu rispons globali urġenti. It-tranżizzjoni ekoloġika u l-mixja lejn is-sostenibbiltà, inkluża t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, qed jiskattaw il-ħtieġa għal trasformazzjoni fundamentali tas-soċjetà tagħna f'firxa wiesgħa ta' setturi. L-Ewropa trid tmexxi bl-eżempju, billi twettaq għanijiet ambizzjużi ambjentali, klimatiċi u tal-bijodiversità, issaħħaħ it-tkabbir, il-kompetittività u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, filwaqt li tippoteġi l-ambjent u tiżgura tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fil-Laqqha straordinarja tad-9 ta' Frar 2023 (EUCO 1/23).

2. Biex iżżomm il-vantaġġ kompetittiv tagħha fit-teknoloġiji għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-iżvilupp sostenibbli, l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li żżid b'mod sinifikanti l-iżvilupp fuq skala kbira, l-iskjerament u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda fis-setturi u fis-suq uniku kollu, filwaqt li tibni ktajjen tal-valur innovattivi ġodda. Ser jinħolqu "impjiegi ekoloġiċi" ġodda, filwaqt li xi impjiegi ser jiġu sostitwiti u oħrajn ser jiġu definiti mill-ġdid, filwaqt li jkunu jeħtieġu settijiet ta' ħiliet mibdula.
3. Huwa essenzjali li nibnu fuq l-involvement u s-sensibilizzazzjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli fis-soċjetà inġenerali. Element fundamentali fl-iffaċilitar tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli huwa l-kisba ta' kompetenzi ewlenin f'perspettiva ta' taġħlim tul il-ħajja, inkluż mis-snin bikrija, li jenħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-qafas tal-livelli u t-tipi kollha ta' perkorsi ta' edukazzjoni, taħriġ u taġħlim. Approċċ ta' istituzzjoni sħiħa għas-sostenibbiltà, li jinkorpora l-oqsma kollha ta' attività, huwa importanti. Abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli², huma meħtieġa b'mod urġenti sforzi biex jiġu appoġġati s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-teħid ta' azzjoni dwar l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika.
4. Il-ħiliet u l-kompetenzi u s-settijiet ta' ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika huma diversi fin-natura tagħhom u jkomplu jfeġġu u jiġu definiti. GreenComp³, il-qafas Ewropew ta' kompetenza għas-sostenibbiltà, jiddeskrivi l- "kompetenzi ta' sostenibbiltà" bħala li jkopru l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa mill-istudenti ta' kull età biex jgħixu, jaħdmu u jaġixxu b'mod sostenibbli. "Ħiliet ekoloġiċi" huma relatati mal-ħiliet professjonali meħtieġa mis-setturi kollha u fil-livelli kollha fis-suq tax-xogħol għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi ġodda. Huma relatati wkoll mal-ħiliet trażversali meħtieġa biex jippermettu l-ħsieb kritiku, ir-riflessjoni dwar is-sistemi, is-soluzzjoni tal-problemi u l-innovazzjoni.

² ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1.

³ Il-Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka, *GreenComp - Il-qafas Ewropew ta' kompetenza dwar is-Sostenibbiltà*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

5. It-tranżizzjoni ekoloġika tista' tirnexxi biss jekk l-UE jkollha forza tax-xogħol imħarrġa għaliha. Kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti⁴, in-nuqqas ta' ħaddiema, kif sostnut mir-rata ta' postijiet tax-xogħol battala, irdoppja bejn l-2015 u l-2021 f'setturi meqjusa bħala kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika, u qegħda dejjem tikber id-domanda għall-ħiliet tekniċi tat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-ħiliet ekoloġiċi u t-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol ser ikunu meħtieġa b'mod urġenti biex tinkiseb il-bidla lejn ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva. Il-politiki għall-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u kontinwi, formali u mhux formali mmirati lejn il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika huma ċ-ċavetta għar-reżiljenza u l-prospertà futuri tal-Ewropa.
6. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) inizjali u kontinwi, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fir-rispons għall-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, sabiex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, u sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika ssir realtà billi ż-żgħażaġh u l-adulti jiġu mgħammra bil-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġu biex jirnexxu f'suq tax-xogħol u f'soċjetà li qed jevolvu, u billi jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi permezz tal-innovazzjoni teknoloġika u soċjali. Permezz ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, pereżempju permezz tal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, il-VET inizjali u kontinwi u l-edukazzjoni għolja jistgħu jsaħħu l-kontribut tagħhom għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli.
7. Billi jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' tipi differenti ta' studenti u s-suq tax-xogħol, il-VET u s-sistemi tal-edukazzjoni għolja jistgħu jrawmu l-impjegabbiltà, l-inklużjoni soċjali, il-koeżjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiffaċilitaw it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, inkluż permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja flessibbli u aġli, u jikkontribwixxu wkoll biex jiżdied l-għadd ta' ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa. F'dan il-kuntest, u skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, it-tagħlim għall-adulti jista' jżid ukoll il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taħriġ matul il-ħajja tax-xogħol, f'konformità mal-ħtiġijiet tat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika.

⁴ COM(2023) 62 final.

JAQBEL LI:

1. L-adattament tal-VET inizjali u kontinwi, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika jirrikjedi l-immappjar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet attwali u futuri, inkluż l-identifikazzjoni ta' profili tal-impjiegi u settijiet ta' ħiliet ġodda, il-ħtiġijiet professjonali, u l-lakuni fil-ħiliet. Il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ (kemm pubbliċi kif ukoll privati), l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, is-servizzi tal-impjiegi, is-sħab soċjali, il-kumpaniji, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, hija essenzjali biex jiġu identifikati dawn il-ħtiġijiet emerġenti ta' ħiliet fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, is-segwitu tat-tranżizzjoni tal-istudenti fis-suq tax-xogħol, pereżempju permezz ta' s'tħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati, jista' jgħin biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar, pereżempju, it-tlaqqiġ tal-impjiegi u r-rilevanza tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba.
2. L-għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet jistgħu jappoġġaw aktar l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet attwali u futuri. F'dan il-kuntest, it-tassonomija tal-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO)⁵ tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika tista' tikkontribwixxi għal fehim komuni ta' liema ħiliet huma meħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika ta' suċċess fis-suq tax-xogħol u pereżempju tiffaċilita l-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema fl-UE. Dawn l-għodod jistgħu jgħinu wkoll lill-Istati Membri u lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jidentifikaw elementi ekoloġiċi li jistgħu jkunu parti mill-kwalifiki tal-VET inizjali u kontinwi jew tal-edukazzjoni għolja, u l-opportunitajiet ta' tagħlim, kif ukoll it-tagħlim għall-adulti.
3. L-iżgurar ta' kontenut aġġornat u rilevanti tal-VET inizjali u kontinwi, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti huma imperattivi minħabba l-bidliet fil-profilu tal-impjiegi u l-emerġenza ta' professjonijiet ġodda bħala riżultat tat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-VET u l-edukazzjoni għolja għandhom, fejn rilevanti u f'konformità sħiħa mal-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, jiġu riveduti kif xieraq, bil-ħolqien ta' kwalifiki ġodda jew bl-inkorporazzjoni ta' ħiliet ekoloġiċi fi kwalifiki eżistenti.

⁵ L-ESCO (Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi) hija l-klassifikazzjoni multilingwi Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi u Impjiegi.

4. It-twassil tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jikkorrispondi mal-ħtiġijiet ta' dawk li jibdwu l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali kif ukoll ma' dawk l-individwi li jeħtieġu jaġġornaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom b'rispons għar-rekwiżiti tal-impjieg attwali tagħhom jew bħala tranżizzjoni għal impjegi ġodda u setturi li qed jespandu. Għalhekk hemm bżonn li l-Istati Membri kif ukoll il-fornituri tal-VET u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jespjoraw modi innovattivi u flessibbli biex fejn fattibbli jwasslu opportunitajiet ta' taħlim għall-ħiliet ekoloġiċi, inkluż fl-oqsma STEAM, billi jiżviluppaw moduli ta' taħlim żgħar u mfassla apposta li jistgħu jwasslu għal, fost affarijiet oħra, mikrokredenzjali. Barra minn hekk, hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi żviluppat it-taħlim għall-adulti fil-livelli sekondarji u terziarji permezz ta', fost affarijiet oħra, perkorsi ta' taħlim flessibbli li jippermettu l-aġġornament, it-twessigħ u l-approfondiment tal-kompetenzi. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni wkoll lill-validazzjoni u r-rikonossiment ta' kisbiet preċedenti fix-xogħol u l-ħiliet miksuba kif ukoll, skont il-kuntest nazzjonali, iċ-ċertifikazzjoni jew l-akkreditazzjoni ta' ħiliet u kompetenzi rilevanti. Filwaqt li t-taħlim ibbażat fuq ix-xogħol, inklużi t-traineeships u l-apprendistati, jikkontribwixxi għat-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, is-sejba ta' postijiet tax-xogħol rilevanti tista' tkun ta' sfida f'industriji emerġenti b'mod rapidu kif ukoll f'kumpaniji li jeħtieġu jadattaw għal ċirkostanzi ġodda. Għalhekk hemm bżonn ta' modi alternattivi biex jiġu pprovduti opportunitajiet ta' taħlim f'ambjenti bbażati fuq ix-xogħol biex jgħinu lill-istudenti jiksbu ħiliet ekoloġiċi ġodda.

5. L-għalliema u l-ħarrieġa fil-VET inizjali u kontinwi, fl-edukazzjoni għolja u fit-tagħlim għall-adulti għandhom rwol kruċjali xi jwettqu fit-tranżizzjoni ekoloġika billi jgħammru lill-istudenti b'ħiliet u kompetenzi vokazzjonali, tekniċi u oħrajn aġġornati meħtieġa kemm fl-industriji ekoloġiċi emerġenti kif ukoll biex jissodisfaw ir-rekwiżiti li qed jinbidlu fl-industriji eżistenti. Għalhekk huwa essenzjali li jkomplu jiġu żviluppati u aġġornati l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-għalliema, tal-ħarrieġa u tal-persunal billi jiġu appoġġati opportunitajiet kontinwi ta' żvilupp professjonali, jiġi vvalutat l-involvement f'attivitajiet edukattivi ffukati fuq il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika fil-perkorsi tal-karriera u jiġu promossi l-kollaborazzjoni u t-tagħlim bejn il-pari fost il-fornituri tal-VET, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, il-kumpaniji, u l-partijiet ikkonċernati l-oħra. Barra minn hekk, it-tmexxija fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija kruċjali biex jissaħħa u jiġi appoġġat dan l-iżvilupp.
6. Huma meħtieġa miżuri mmirati sabiex jattiraw liż-żgħażaġh u lill-adulti, irrispettivament mill-ġeneru u l-isfond soċjoekonomiku, inklużi żgħażaġh u adulti minn żoni rurali u remoti bħar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, biex jinvolvu ruħhom f'opportunitajiet ta' tagħlim għall-ħiliet ekoloġiċi. Dan jinkludi, fejn xieraq u f'konformità sħiħa mal-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, it-tneħħija tal-ostakli u d-diffikultajiet eżistenti għat-tipi kollha ta' apprendiment, bħal kwistjonijiet relatati mal-mobbiltà, l-aċċessibbiltà, l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u l-istereotipi, il-gwida, l-outreach, l-appoġġ finanzjarju għall-individwi, is-servizzi ta' appoġġ għall-istudenti u r-rikonoxximent tat-tagħlim preċedenti. Il-parteċipazzjoni tan-nisa kif ukoll tal-irġiel għandha tiġi mħeġġa u appoġġata b'mod ugwali permezz ta' sistemi effettivi ta' gwida tul il-ħajja, imsaħħa bl-edukazzjoni inizjali u t-taħriġ ulterjuri ta' konsulenti ta' gwida u professjonisti oħra ta' gwida.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, b'kont debitu għall-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex iqisu l-kwistjonijiet ta' hawn fuq meta:

1. ikomplu jiżviluppaw kompetenzi ewlenin u kompetenzi ta' sostenibbiltà f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, inkluż minn snin bikrija, fil-livelli kollha u fit-tipi kollha ta' perkorsi ta' edukazzjoni, taħriġ u tagħlim⁶;
2. jkunu qed jiżviluppaw VET inizjali u kontinwi u sistemi ta' edukazzjoni għolja u offerti tal-edukazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll it-tagħlim għall-adulti, pereżempju permezz tal-mikrokredenzjali;
3. jinvolvu ruħhom mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-impjegaturi, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fl-identifikazzjoni konġunta tal-ħtiġijiet tat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-kooperazzjoni pubblika-privata;
4. jappoġġaw u jinkoraġġixxu lill-fornituri tal-VET inizjali u kontinwi, lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u lill-organizzazzjonijiet tat-tagħlim għall-adulti fl-iżvilupp u t-twassil ta' opportunitajiet ta' tagħlim għat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi opportunitajiet ta' tagħlim fl-oqsma STEAM;
5. jappoġġaw lill-għalliema, il-ħarrieġa, il-persunal, il-professjonisti ta' gwida u l-mexxejja biex jiksibu u jaġġornaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, billi jippromwovu t-taħriġ inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu;

⁶ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).

6. jinkoraġġixxu u jappoġġaw lill-individwi biex jipparteċipaw f'opportunitajiet ta' taġħlim, tiġdid u titjib tal-ħiliet, kemm fl-edukazzjoni formali kif ukoll f'dik mhux formali, kif ukoll fil-mobbiltà għat-tranżizzjoni ekoloġika;
7. jaġħmlu użu minn għodod u programmi ta' finanzjament tal-UE u nazzjonali disponibbli bħall-Erasmus+ u l-FSE+ biex jappoġġaw il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sussidjarjetà u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex tqis dawn il-konklużjonijiet meta:

1. tippromwovi t-taġħlim reċiproku u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba dwar il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika fost l-Istati Membri, is-sħab soċjali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-industriji u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;
2. tappoġġa l-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin marbuta ma' ħiliet u kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż permezz ta' skambji ta' studenti u persunal ta' Erasmus+ u kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bħal fl-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali;
3. tinvolvi lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-ekosistemi industrijali, is-sħab soċjali, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, permezz tal-Patt għall-Ħiliet, fl-identifikazzjoni konġunta tal-ħtiġijiet tat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika;
4. tiżviluppa aktar il-bażi ta' evidenza għall-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika billi ssir ħidma mas-Cedefop u organizzazzjonijiet rilevanti oħra, mingħajr ma jinħolqu obbligi ġodda ta' rapportar jew kwalunkwe piż addizzjonali għall-Istati Membri;

5. tkompli bl-isforzi, flimkien mal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Parametri Referenzjarji, dwar l-iżvilupp ta' indikaturi possibbli jew miri fil-livell tal-UE fil-qasam tas-sostenibbiltà, inkluż l-ekoloġizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
 6. tippromwovi aktar l-għodod u l-programmi eżistenti tal-UE biex jiġu appoġġati l-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri;
 7. timplimenta u tħejji inizjattivi maħsuba biex isaħħu l-kompetittività u l-istat ta' tħejjija futura tal-Ewropa u tappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba ta' tranżizzjoni ekoloġika b'suċċess fl-edukazzjoni u t-taħriġ u permezz tagħhom.
-

Sfond Politiku

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja, ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.
2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.
3. Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.
4. Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għat-tagħlim tal-adulti 2021-2030, ĠU C 504, 14.12.2021, p. 9.
5. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja, ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1.
6. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħa l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa, ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9.
7. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35.
8. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà, ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10.
9. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment, ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26.
10. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1.